



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KUMMERĊ  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI  
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AFFARIJET MARITTIMI U S-SAJD

Brussell, l-20 ta' Jannar 2021  
REV2 – tissostitwixxi l-avviż  
(REV1) bid-data tal-15 ta'  
Settembru 2020<sup>1</sup>

### AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

#### **ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-KWOTI TARIFFARJI**

### **Werrej**

INTRODUZZJONI.....	2
A. SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI.....	3
1. PRODOTTI LI JORIĠINAW MIR-RENJU UNIT U LI JIĠU IMPORTATI FL-UE (U VIĊEVERSA).....	3
2. PRODOTTI LI JORIĠINAW MINN PAJJIŻI TERZI GĦAJR IR-RENJU UNIT U LI JIĠU IMPORTATI FL-UE .....	4
2.1. Kwoti Tariffarji .....	4
2.2. Ġestjoni tal-prinċipju “min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel” tal-kwoti tariffarji tal-UE .....	5
2.3. Ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-UE b’liċenzji tal-importazzjoni .....	6
2.3.1. Liċenzji tal-importazzjoni .....	6
2.3.2. Garanziji .....	7
2.4. Liċenzji tal-esportazzjoni .....	7
B. DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHM DWAR IL-ĦRUĠ .....	8
1. TALBIET GĦAL BENEFIĊĊU MINN KWOTI TARIFFARJI .....	8
2. KANĊELLAZZJONI TA' TALBIET U RITORN TA' KWANTITAJIET ALLOKATI MHUX UŻATI TAĦT KWOTI TARIFFARJI .....	8

<sup>1</sup> REV2 tintroduċi t-TaqSIMA A.1 ġdida, u temenda t-TaqSIMA C tal-verżjoni REV1

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI.....	9
1. KWOTI TARIFFARJI MILL-PAJJIŻI TERZI LILL-UE .....	10
2. KWOTI TARIFFARJI MILL-UE LILL-PAJJIŻI TERZI .....	10

## INTRODUZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”<sup>2</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>3</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi wkoll, f'xi każijiet, dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit innegozjaw Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, li ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020<sup>4</sup> u japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021<sup>5</sup>.

Il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra fis-sitwazzjoni legali applikabbi minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, b'kont meħud tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (il-Parti A ta' hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt) kif ukoll ir-regoli applikabbi għall-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

### Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jindirizzaw il-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati li jimportaw abbażi tal-kwoti tariffarji huma avżati b'mod partikulari dwar dan li ġej:

- Il-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu konxji li l-liċenzji maħruġa mir-Renju Unit jew għall-operaturi fir-Renju Unit kienu validi biss sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u dan għandhom iqisuh fid-deċiżjonijiet kummercjal tagħhom; u
- Meta l-partijiet ikkonċernati ddepożitaw garanziji mal-awtoritajiet tar-Renju Unit, dawn għandhom jitkol konferma li l-garanziji ddepożitati jiġu rilaxxati mir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

### Innata li:

<sup>2</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea.

<sup>3</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

<sup>4</sup> Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħħa l-oħra, ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14.

<sup>5</sup> ĠU L 1, 1.1.2021, p. 1.

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- il-proċeduri doganali tal-UE;
- ir-regoli tal-UE dwar id-dejn doganali;
- ir-regoli tal-oriġini.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn<sup>6</sup>.

## A. SITWAZZJONI LEGALI WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

### 1. PRODOTTI LI JORIĠINAW MIR-RENJU UNIT U LI JIĠU IMPORTATI FL-UE (U VIĊEVERSA)

L-Artikolu GOODS.18 (“Użu tal-kwoti tar-rati tariffarji eżistenti tad-WTO”) tal-Ftehim ta’ Kummerċ u Kooperazzjoni jistipula regoli għall-użu ta’ kwoti tar-rati tariffarji tad-WTO, u jiddikjara li **l-prodotti li jorjġinaw mir-Renju Unit ma għandhomx ikunu eliġibbli li jiġu importati fl-Unjoni Ewropea skont il-kwoti tar-rati tariffarji eżistenti.**

Bl-istess mod, il-prodotti li jorjġinaw mill-Unjoni Ewropea ma għandhomx ikunu eliġibbli li jiġu importati fir-Renju Unit skont il-kwoti tar-rati tariffarji tad-WTO.

Għan-nozzjoni ta’ “eżistenti”, ara l-Artikolu GOODS.18(2) tal-Ftehim ta’ Kummerċ u Kooperazzjoni. Rigward il-kwoti tar-rati tariffarji tal-UE, il-lista tal-kwoti tar-rati tariffarji kkonċernati huma ppreżentati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/216<sup>7</sup>.

Għal dan l-iskop, l-istatus orīginarju tal-prodotti għandu jkun iddeterminat abbażi tar-regoli tal-oriġini nonpreferenzjali applikabbli fil-Parti li timporta.

Sabiex jiġi implementat l-Artikolu GOODS.18 tal-Ftehim ta’ Kummerċ u Kooperazzjoni, li jaapplika mill-1 ta’ Jannar 2021, qed titħejja l-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE<sup>8</sup>.

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt)

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1.

<sup>8</sup> Bħar-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta’ Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta’ ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzi (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24), ir-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta’ Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta’ kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f’konformità mal-prinċepju “min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel” (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 218/2007 tat-28 ta’ Frar 2007 li jiftaħ u li jipprovdha għall-amministrazzjoni ta’ kwoti ta’ tariffe Komunitarji għall-inbejjed (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 22), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/2007 tad-19 ta’ Diċembru 2007 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta’ kwota tariffarja għall-vermut (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 14).

Sadanittant, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex japplikaw il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE f'konformità mal-Artikolu GOODS.18 b'effett mill-1 ta' Jannar 2021 u biex jiġu aċċettati dikjarazzjonijiet doganali minn din id-data. Fir-rigward tal-kwoti tar-rati tariffarji eżistenti tad-WTO, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ġew mitluba:

- ma jaċċettawx applikazzjonijiet ta' liċenzji għal prodotti li joriġinaw mir-Renju Unit;
- ma joħorġux liċenzji ta' kwoti tar-rati tariffarji għal prodotti li joriġinaw mir-Renju Unit; u
- ma jirrilaxxawx għal ċirkolazzjoni libera prodotti li joriġinaw mir-Renju Unit taħt dawn il-kwoti tar-rati tariffarji (tariff-rate quotas, TRQ).

## 2. PRODOTTI LI JORIĠINAW MINN PAJJIŻI TERZI GĦAJR IR-RENNU UNIT U LI JIĠU IMPORTATI FL-UE

Minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE dwar il-kwoti tar-rati tariffarji mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit<sup>9</sup>. Dan iwassal, b'mod partikulari, għall-konsegwenzi li ġejjin<sup>10</sup>:

**Innota li:** Bħala parti mit-tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit, l-UE ħadet miżuri biex tiżgura t-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-UE permezz tal-proċedura skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) fid-WTO u fl-atti legali tal-UE<sup>11</sup>.

### 2.1. Kwoti Tariffarji

Ċerti prodotti agrikoli, prodotti agrikoli proċessati, prodotti industrijali u prodotti tas-sajd huma eliġibbli għal rati mnaqqsa ta' dazju skont il-kwoti tariffarji tal-UE, abbażi ta'

<sup>9</sup> Rigward l-applikabbiltà tal-kwoti tar-rati tariffarji tal-UE għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

<sup>10</sup> Fejn rilevanti, dan l-avviż jindirizza wkoll **il-kwoti tad-derogi tal-oriġini** għall-importazzjonijiet fl-UE u l-esportazzjonijiet skont diversi FTAs tal-UE, ġestiti abbażi tal-prinċipju "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel".

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000, ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1; ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386 tal-11 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli f'dak li jirrigwarda t-tqassim tal-kwoti tariffarji għal ġerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u f'dak li jirrigwarda l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u d-drittijiet tal-importazzjoni allokati fil-qafas ta' dawk il-kwoti tariffarji, ĠU L 70, 12.3.2019, p. 4; Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/653 tal-24 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 847/2006 fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ġerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u f'dak li jirrigwarda l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u d-drittijiet tal-importazzjoni allokati fil-qafas ta' dawk il-kwoti tariffarji, ĠU L 110, 25.4.2019, p. 34.

- l-iskedi tad-WTO tal-UE (kwoti tariffarji tad-WTO)<sup>12</sup>;
- ftehimiet bilaterali tal-UE ma' pajjiżi terzi (kwoti tariffarji bilaterali)<sup>13</sup>; <sup>14</sup>  
jew
- kwoti tariffarji awtonomi<sup>15</sup>. <sup>16</sup>

Hemm żewġ approċċi maniġerjali differenti ta' kwoti tariffarji tal-UE: il-ġestjoni tal-prinċipju “min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel” (ara hawn taħt, it-Taqsima 2.2), u l-ġestjoni bil-liċenzji tal-importazzjoni (ara hawn taħt, it-Taqsima 2.3). Din tal-aħħar hija attwalment użata eskużiżiavent għall-kwoti tariffarji ta' ċerti prodotti agrikoli.

Barra minn hekk, għall-esportazzjoni ta' ċerti prodotti, f'xi każijiet l-UE timmāniġġja kwoti tariffarji allokati lill-UE minn pajjiżi terzi permezz ta' liċenzji tal-esportazzjoni (ara hawn taħt, it-Taqsima 2.4).

## 2.2. **Ġestjoni tal-prinċipju “min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel” tal-kwoti tariffarji tal-UE<sup>17</sup>**

Skont l-Artikolu 50 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447<sup>18</sup>, l-awtoritajiet doganali għandhom jeżaminaw jekk talba biex jibbenefika minn kwota tariffarja magħmulu mid-dikjarant f'dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal-ċirkolazzjoni libera tkunx valida f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE li tiftaħ il-kwota tariffarja. Meta t-talba tīgħi aċċettata, l-awtoritajiet doganali jibagħtuha lill-Kummissjoni li talloka l-kwantità skont l-Artikolu 51 ta' dak ir-Regolament.

---

<sup>12</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovd iċċall amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1.

<sup>13</sup> Eżempji ta' kwoti tariffarji bilaterali jinsabu fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji, ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24.

<sup>14</sup> Il-kwoti tad-derogi tal-oriġini (ara hawn fuq) dejjem jiġu miftiehma bilateralment.

<sup>15</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprovd iċċall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijni, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 319 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 tat-13 ta' Novembru 2020 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021–2023, ĠU L 385, 17.11.2020, p. 3.

<sup>16</sup> Il-kwoti tariffarji stabbiliti skont ir-reġimi ta' difiża kummerċjali tal-Unjoni huma dejjem kwoti tariffarji awtonomi.

<sup>17</sup> Din it-Taqsima hija rilevanti wkoll għall-**kwoti tad-derogi tal-oriġini** għall-importazzjonijiet fl-UE u l-esportazzjonijiet skont diversi FTAs tal-UE, imma niġi abbażi tal-prinċipju “min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel”.

<sup>18</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit ma jistgħux jaċċettaw aktar talbiet mill-operaturi biex jibbenefikaw mill-kwoti tariffarji tal-UE. Id-dikjarazzjonijiet aċċettati mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni mhumiex eliġibbli biex jibbenefikaw minn kwoti tariffarji tal-UE.

## 2.3. Ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-UE b'lienzji tal-importazzjoni<sup>19</sup>

Xi kwoti tariffarji tal-UE għall-prodotti agrikoli<sup>20</sup> huma amministrati abbażi ta' lienzja maħruġa minn Stat Membru<sup>21</sup> f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-atti tal-Kummissjoni rilevanti.

### 2.3.1. *Lienzji tal-importazzjoni*

L-applikanti jridu jippreżentaw l-applikazzjoni tal-lienzja tal-importazzjoni tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti u fejn huma rreġistrati għall-finijiet tal-VAT<sup>22</sup>. Skont l-Artikolu 176(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, lienzja maħruġa minn Stat Membru partikulari hija valida għall-importazzjoni tal-prodotti fi kwalunkwe post fit-territorju doganali tal-UE.

Għall-kwoti tariffarji tal-UE ġestiti bil-lienzji, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-lienzji allokati mill-awtoritajiet li joħorġu l-lienzji tar-Renju Unit (l-hekk imsejħa lienzji tar-Renju Unit) mhux se se jibqgħu validi fl-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>23</sup>. Wara

<sup>19</sup> Ara wkoll [https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/eu-agriculture-and-brexit\\_mt](https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/eu-agriculture-and-brexit_mt).

<sup>20</sup> Ara r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal lienzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji, ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1, u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-lienzji, ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24.

<sup>21</sup> Ara l-Artikolu 184(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671) u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237 tat-18 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tas-sistema ta' lienzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar ir-rilaxx u t-telf ta' garanziji ppreżentati għal tali lienzji, ĠU L 206, 30.7.2016, p. 1.

<sup>22</sup> Ara l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffe fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' lienzji ta' importazzjoni, ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13; u l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal lienzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji, ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1.

<sup>23</sup> Ara wkoll, rigward ċerti kwoti tariffarji, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386 tal-11 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli f'dak li jirrigwarda t-

tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-amministrazzjonijiet doganali tal-UE ma għandhomx jibqgħu jaċċettaw dawn il-liċenzji.

Il-liċenzji tal-operaturi tar-Renju Unit ma jibqgħux validi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan japplika wkoll fil-każ ta' trasferimenti<sup>24</sup> ta' liċenzja maħruġa mill-awtoritajiet tal-liċenzji ta' Stat Membru, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, lil operatur stabbilit fir-Renju Unit<sup>25</sup>.

Il-liċenzji maħruġa mill-awtoritajiet tal-liċenzji tal-UE u miżmuma mill-operaturi tal-UE jibqgħu validi fl-UE<sup>26</sup>.

### 2.3.2. *Garanziji*

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237, xi liċenzji huma soġġetti għal garanzija li trid tiġi ddepożitata mal-awtorità tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja. Din il-garanzija tiġi rilaxxata mal-importazzjoni, soġġetta għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-UE dwar ir-rilaxx tal-garanzija mhux se jibqa' japplika għar-Renju Unit. Meta l-operaturi ddepożitaw garanziji mal-awtoritajiet tar-Renju Unit, dawn għandhom jitkol konferma dwar ir-regoli applikabbi dwar ir-rilaxx ta' garanziji mal-awtoritajiet tar-Renju Unit.

## 2.4. **Liċenzji tal-esportazzjoni**

Sabiex jamministra ċerti kwoti tariffarji disponibbli għall-esportaturi tal-UE lejn pappiżi terzi, id-dritt tal-UE, abbażi ta' ftehimiet internazzjonali, jipprevedi sistema ta' liċenzji tal-UE ("liċenzja tal-esportazzjoni") li tista' titwassal minn amministrazzjonijiet nazzjonali lill-esportaturi li jixtiequ jibbenefikaw mill-kwota tariffarja inkwistjoni<sup>27</sup>.<sup>28</sup>

---

tqassim tal-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u f'dak li jirrigwarda l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u d-drittijiet tal-importazzjoni allokati fil-qafas ta' dawk il-kwoti tariffarji, ĠU L 70, 12.3.2019, p. 4.

<sup>24</sup> Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1237, huwa possibbli, taħt ċerti ċirkustanzi, li d-drittijiet li ġejjin minn liċenzja jiġu trasferiti lil ċessjonarju. Dan isir bis-saħħha ta' talba mid-detentur titolari lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji li tkun ħarġet il-liċenzja oriġinali.

<sup>25</sup> Ara wkoll, rigward ċerti kwoti tariffarji, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386.

<sup>26</sup> Ara wkoll, rigward ċerti kwoti tariffarji, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386.

<sup>27</sup> Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji, ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24.

<sup>28</sup> Il-liċenzji tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib mhumieħ trasferibbi, ara l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-

Liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit ma tibqax valida meta l-esportazzjoni tal-konsenza tkun effettwata jew assigurata wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Barra minn hekk, il-liċenzji tal-esportazzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal garanzija li trid tħallas. F'dan il-każ, tapplika t-TaqSIMA 2.3.2 ta' dan l-avviż, jiġifieri wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-UE dwar ir-rilaxx tal-garanzija ma jibqax japplika għar-Renju Unit.

## **B. DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ**

L-Artikolu 49(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li r-regoli tal-UE dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji<sup>29</sup> (inkluż il-kanċellazzjoni ta' talba u r-ritorn ta' kwota allokata mhux użata) ta' kwoti tariffarji permezz tal-metodu “min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel” ikomplu japplikaw b'mod kumulattiv meta

- it-talba tiġi aċċettata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; kif ukoll
- id-dokumenti ta' sostenn jiġu pprovduti lill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit<sup>30</sup> qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

### **1. TALBIET GĦAL BENEFIĊĊU MINN KWOTI TARIFFARJI**

Fejn ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 49(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (ara hawn fuq), il-Kummissjoni allokat il-kwantitatijiet abbażi tat-talbiet trażmessi mir-Renju Unit skont l-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) 2015/2447 u wara kkomunikat l-ammonti allokati lir-Renju Unit.

### **2. KANĊELLAZZJONI TA' TALBIET U RITORN TA' KWANTITAJIET ALLOKATI MHUX UŻATI TAĦT KWOTI TARIFFARJI**

Meta jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (ara hawn fuq), l-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit

- jirritornaw immedjatament kull kwantità allokata bi żball taħt il-kwoti tariffarji skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2015/2447; kif ukoll

---

Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzi u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji, ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1.

<sup>29</sup> It-TaqSIMA 1 tal-Kapitolo 1 tat-Titolu II tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558.

<sup>30</sup> Skont l-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) 2015/2447, id-dokumenti ta' sostenn huma ppreżentati mid-dikjarant lill-awtoritajiet doganali, filwaqt li l-awtoritajiet doganali biss jippreżentaw it-talba lill-Kummissjoni.

- jikkanċellaw it-talba jew jirritornaw il-kwantità allokata rispettivament meta l-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit jininvalidaw dikjarazzjoni doganali (qabel jew wara l-allocazzjoni tal-kwota) fir-rigward tal-merkanzia li hija suġġett ta' talba għall-benefiċċju ta' kwota tariffarja.

## C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq<sup>31</sup>. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jiġi estiż sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>32</sup>.

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE huma applikabbi wkoll għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija trattata daqslikieku kienet Stat Membru<sup>33</sup>.

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE li saru applikabbi għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq jinkludu l-leġiżlazzjoni doganali tal-UE u obbligi li jirriżultaw mill-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, jew mill-Istati Membri li jaġixxu f'isimha, jew mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha li jaġixxu b'mod konġunt, sa fejn dawn ikunu marbuta mal-kummerċ ta' merkanzia bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi<sup>34</sup>.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovd wkoll b'mod espliċitu li kull referenza għat-territorju doganali tal-Unjoni fid-dispożizzjonijiet applikabbi tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jsiru applikabbi għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq mill-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, għandha tinqara bħala li tinkludi l-Irlanda ta' Fuq<sup>35</sup>. Dan ifisser li sa fejn ir-regoli doganali tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit jaqblu li jittrattaw l-Irlanda ta' Fuq, għall-fini tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, daqslikieku kienet parti mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fl-istess ħin, billi l-Irlanda ta' Fuq hija parti mit-territorju doganali tar-Renju Unit, fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi ta' pajjiżi terzi (inkluż il-pajjiżi sħab preferenzjali), l-Irlanda ta' Fuq ma għandhiex tiġi trattata bħala parti mit-territorju doganali tal-Unjoni<sup>36</sup>.

---

<sup>31</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>32</sup> L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>33</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>34</sup> L-Artikoli 5(3), 5(4) u t-Taqsimiet 1 u 4 u l-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>35</sup> L-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. Dan irrispettivament mill-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, billi l-Artikolu 13(1) jopera “[m]innejha kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Protokoll”.

<sup>36</sup> L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

B'mod aktar spēcifiku, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dan ifisser, fost l-oħrajin, dan li ġej:

## 1. KWOTI TARIFFARJI MILL-PAJJIŻI TERZI LILL-UE

Ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq ma jibbenefikax minn kwoti tariffarji mill-pajjiżi terzi lill-UE fil-qafas tal-preferenzi.

Dan ifisser li l-merkanzija li toriġina mill-Irlanda ta' Fuq ma tibbenefikax minn dawn il-kwoti.

## 2. KWOTI TARIFFARJI MILL-UE LILL-PAJJIŻI TERZI

Skont il-Protokoll, il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni tapplika għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dawn id-dispożizzjonijiet ifissru li l-miżuri tariffarji tal-Unjoni, inkluż il-kwoti tariffarji skont it-Tariffa Doganali Komuni jew ftehimiet internazzjonali rilevanti, fil-prinċipju jkunu applikabbi għal din il-merkanzija li tidħol fl-Irlanda ta' Fuq u li titqies li tkun f'riskju li sussegwentement tiċċaqlaq fl-Unjoni.

Fl-istess ħin, l-arrangġamenti bilaterali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit taħt il-Protokoll ma jagħtux lok għal drittijiet u obbligi għal pajjiżi terzi. B'konsegwenza ta' dan, kull importazzjoni skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jew kwoti oħra tal-importazzjoni li japplikaw għal merkanzija li toriġina minn pajjiż terz li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq ma tkunx tista' tingħadd għad-drittijiet ta' dak il-pajjiż terz fil-konfront tal-Unjoni, sakemm ma jkunx hemm qbil dwar dan mill-pajjiż terz. Din is-sitwazzjoni toħloq riskju għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-Unjoni u għall-integrità tal-Politika Kummerċjali Komuni permezz ta' evażjoni possibbi tal-kwoti tariffarji jew ta' kwoti oħra tal-importazzjoni tal-Unjoni.

Sabiex jiġi indirizzat dak ir-riskju, ir-Regolament (UE) 2020/2170<sup>37</sup> jipprevedi li l-kwoti tariffarji tal-UE u kwoti tal-importazzjoni oħra jkunu disponibbli biss għal merkanzija importata u rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni u mhux fl-Irlanda ta' Fuq.

Wara li tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, il-merkanzija li tkun ibbenefikat minn kwota tariffarja tal-UE jew kwota tal-importazzjoni oħra tista' tibqa' miexja lejn l-Irlanda ta' Fuq, billi dan għandu jitqies bħala moviment intern fl-unjoni doganali tal-UE.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar il-kwoti tariffarji ([https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/eu-agriculture-and-brexit\\_mt](https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/eu-agriculture-and-brexit_mt) u [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/business/calculation-customs-duties/what-is-common-customs-tariff/tariff-quotas\\_en](https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/calculation-customs-duties/what-is-common-customs-tariff/tariff-quotas_en)) jagħtu informazzjoni ġenerali rigward il-

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni (ĠU L 432, 21.12.2020, p. 1).

leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kwoti tariffarji. Dawn il-pägni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

### Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijet Marittimi u s-Sajd